# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2025.**

**Numru 19**

**Rikors numru 609/18/1 TA**

**Carmel Vella**

**v.**

**Environmental Landscapes Consortium Limited (C 30405)**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob kumpens għal korriment fuq il-post tax-xogħol tiegħu.

2. B'sentenza tad-29 ta' Settembru 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tiegħu, wara li kkunsidrat:

> "Jibda biex jingħad li il-prinċipju ġenerali applikabbli għall-infortuni fuq

il-lant tax- xogħol huwa dak li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Artikoli 1031, 1032, 1033, tal-Kodiċi Civili rispettivament, fis-suċċint jikkomprendu s-segwenti prinċipji u ċioe`, li qabel kollox kullħadd irid iwieġeb għall-ħsara li jwettaq b'għemilu u li jrid jagħmel tajjeb għad-danni sofferti minn terzi. Il-grad meħtieġ sabiex persuna ma tiġix tenuta responsabbli għad-danni huwa dak ta' prudenza u diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja fl-eżerċizzju ta' dak li hu mistenni li jwettaq mill-liġi.

Sa fejn jirrigwarda li dawk li jqabbdu lil ħadd ieħor iwettaq xogħol bħala impjegati, aparti dawn il-prinċipji ġenerali hemm ukoll dawk partikulari b'referenza għall-ħarsien tas-saħħa ta' ħaddiema fuq ix-xogħol.

-omissis-

… jemerġi ċar li fl-ewwel lok ma hemmx responsabilita' oġettiva da parti tal-*employer*. Il-piż tal-prova dwar ir- responsabbilita' a' min iħaddem taqa' fuq spallet il-ħaddiem. Stabbilit l-element tan-ness kawżali, sta għal min ħaddem li jipprova li hu għamel dak kollu li seta' jew dak li titlob il-liġi biex l-infortun indusrijali ma jseħħx. Dan huwa konformi ma' dak li tiddisponi l-liġi fir-regolamenti tas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax- Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b). Jekk ma jiġix ipprovat l- element tan-ness kawżali, din il-Qorti ma jkolliex għalfejn tidħol fil-kwistjoni ta' għemil l-*employer* peress ikun hemm nieqes ir-rabta tal-inċident mal-għemil ta' dan tal-aħħar.

Sa fejn jrrigwarda il-mertu ta' din il-Kawża jirrisulta li l-Attur għandu storja medika ma' dak li għandu x'jaqsam ma' daharu. Di fatti Dr. Fredrick Zammit Maemple, il-mediku espert maħtur minn din il-Qorti, fir-rapport tiegħu jispjega hekk wara li ra l-inkartament tal-isptar:

> " *L-inkartament tal-isptar juri li Vella kellu l-ewwel ilment b'ugiegħ f'daharu kien fl-1981 meta kellu 17-il sena. Kienu ittiehdu x-rays tas-sinsla u kienu tratawh b'fizjoterapija u pilloli tal-ugiegħ, u kienu jarawh kull ftit xhur. Fil-fatt kien attenda l-Orthopaedic Outpatients 10 darbiet minn Settembru sa Frar 1983. Wara dan kien attenda mill-gdid fl-14 ta' Ottubru 1991 b'ilment fic-cunturin ta' daharu li jinzel mir-riglu tax-xellug sal-pexxul. L-ispecjalist li rah (Mr. Chas Grixti) kien esminah u ma sabx nuqqas newroligiku u kien ingħata parir li ma jerfax u ma jinklinax 'l quddiem. Wara dan hemm dan hemm nota ta' l-ispecjalist Carmel Sciberras fit-3 ta' April 2003 fejn imsemmi li kien wegga' daharu xaharejn qabel waqt li kien qiegħed juza magna li taqta' il-Haxix".(*a' fol 506 u ara ukoll a' fol 613E tergo). Minn dan il-passaġġ jirriżulta bħala fatt, li l-Attur kellu xi xorta kundizzjoni f'daharu li tirrisali għal snin qabel l-inċident mertu tal-din il-Kawża tal-2005."

Dan qiegħed jingħad, indipendentement mill-fatt jekk l-inċident inkwistjoni kienx kontinwazzjoni tal-ewwel wieħed, iġifieri dak tal-2003 jew le. Fuq dan il-punt, kien hemm dibattitu pjuttost sħun bejn il-Bord Mediku tal-Gvern u it-tobba tal-Attur. Fid-deċiżjoni oriġinali tiegħu il-

Bord wasal għall-konklużjoni li l-aħħar inċident kien kontinwazzjoni ta' dak tal-2003 għalkemm wara, fuq spjegazzjoni tat-tobba tal-Attur, bidel il-posizzjoni tiegħu anke minkejja li t-tabib Carmel Apap Bologna kien ikkonferma mod ieħor (ara a' fol 166, 167 u 169).

L-Attur kien impjegat bħala ġardinar. Xogħol fin-natura jimporta ċertu skariġġ u li l-użu ta' mgħażqa u qtugħ ta' ħaxix huma attivitajiet tipiċi għal din is-sengħa. Għalkemm ma hux daqstant ċar jekk fl-inċident tal-2005 kienx qiegħed jaħdem bi *grass cu*tter jew b'imagħżqa. Ara per eżempju id-dikjarazzjoni li għamel l-Attur, fl-applikazzjoni għal-benefiċċju tal-korriment. Fl-affidavit tiegħu jgħid li kien qiegħed jaħdem bill-*grass cutter* . Meta ġibed biex jixgħelu ħass skoss f'daharu. Ġralu l-istess fl-inċident tal-2003 u b'konsegwenza t'hekk tant li għamel sena ma jersaqx lejn ix-xogħol.

L-Attur presenta numru kbir ta' ċerifkati mediċi ta' Carmel Sciberras. Kważi kien imur kull xahar għandu (ara xhieda Norman Mifsud a' fol 472 u Tergo). L-anqas jilħaq jingħata xi xogħol ġdid, anke jekk ħafif, li ma kienx jilmenta u jipproduċi ċertifikat mediku. Fl-affidavit tiegħu l-Attur jgħid li kien jistenna li jagħtuh xogħol ħafif bħal ma huwa knis. Di fatti anke Mr. Carmel Sciberras ikkonferma li dan ix- xogħol kien adattat għalih. B'Dan kollu meta ingħata dan ix-xogħol Mr. Carmel Sciberras ħareġ ċertifikat mediku data 22 ta' Gunju 2006 fejn qal hekk:

> "***He cannot do a gardener's job*** *because he is* (kliem ma jingħarafx). " (257) . Dan wara li ngħata *".. a lighter work with a broom*" (a' fol 256). F'ċertifikat ieħor, Mrs C Sciberras jgħid hekk "*I certify that unfortunately Mr. Vella's back is playing again. He thinks that this may have may have been caused by sweeping for a long time"* (Emfażi tal-Qorti a' fol 299). Aktar minn hekk Mr. Sciberras jgħid " *I do not want him to lounge at home doing nothing*" u f'okkażżjoni oħra *" I do not want him to stay napping in bed at home*" (a'fol 264 u 286).(Emfażi tal-Qorti). Meta ċaqalquħ mill-Qrendi, fejn kien joqgħod, għal Marsa biex jagħmel xogħol eħfef, beda jilmenta li ma setax jirkeb vetturi tax-xogħol għaliex kien juġgħu daharu (ara a' fol 276 u 277). F'wieħed miċ-ċertifikati mediċi jingħad li "*Mr.Vella is refusimg to go to work in the work van as this always causes him a stiff back* (a' fol 418 u 420). Kien hemm okkażjonijiet li saħansitra kien iħoss uġiegħ u *"he does not remember a particular episode that has precipitated the pain* (Emfażi tal-Qorti a' fol 316).
>
> Parti kbira ta' ċertfikati mediċi esebiti mill-Attur', 142 b'kollox, kollha fihom rakkomandazzjoni tat-tabib li L-Attur għandu jibqa' id-dar jistrieħ jew li kwalunkwe xogħol li jingħata, anke dak li suppost kien aċċettabbli, bħal knis, ma kienx tajjeb għalih. F'ċertifikat minnhom l-istess tabib jgħid li "*I can forsee many more episodes leading sick leave"* (Ara a' fol 278, 279, 281 u 284). Issa dan jikkontrasta ħafna ma' dak li qal l-Attur stess fl-affidavit tiegħu, għaliex ix- xhieda tiegħu saret wara li nħareġ dan iċ-ċertfikat mediku. Forsi dan dovut għall- fatt li tant ġew rilaxxjata ċertfikati mediċi li l-istess Attur nesa x'kien qal lil Mr. C Sciberras.
>
> Apparti dan kollu, jirrisulta li l-Attur flimkien ma ħuh għandhom għalqa

> li sa ftit qabel l-inċident kien jaħdem fiha. Jekk ma tridx, kien jagħmel użu minn mutur tal-ħart ta' bla roti li żgur jagħti skossi aktar minn *grass cutter*(Ara a' fol 582 u 583). Dan meta skont l-Attur stess il-grass cutter "....ma tantx fih xogħol. Taqbad u tistraja biss . Ma hemmx x'titgħallem fuqu." (a' fol 587) . Għalhekk il- Qorti, apparti iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha, il-fatt li qabel l-inċident kien juża' mutur tal-ħart, ikkunsidrata l-fraġilita' ta' dahru, ma tista' qatt tkun moralment konvinta li fil-fatt jesisti ness bejn l-inċident u l-għemil tas-Soċjeta' konvenuta. Il-Qorti ma hiex f'posizzjoni li moralment tkun konvinta li dak li qed jilmenta minnu l-Attur tassew ġara fuq il-post tax-xogħol fit-23 ta' Ġunju 2005. Fil-fatt fl-applikazzjoni għal benefiċċju tal-korriment jingħad hekk: "Skont il-persuna responsabbli minn Carmel vella Charles Attard Id. Card No 388156M dan ma hux kaz ta' *injury* minhabba li ma kienx xi xogħol iebes. Tajjeb li jigi nnutata li l-persuna (Carmel vella) kien għamel sena shiha bl-*injury*" (a' fol 156).

Mix-xhieda ta' Norman Vella, uffiċjal tas-Soċjeta' konvenuta, jirrisulta kemm kien diffiċli titratta mal-Attur għaliex dan prattikament ma seta' jagħmel xejn. Kull meta dan kien jagħtiħ xi xogħol, anke ħafif, l-Attur kien ikun pront jippresenta ċertifikat mediku. Fil-fhema tal-Qorti, mix-xhieda ta' dan l-uffiċjal, is-Soċjeta' konvenuta kienet qiegħda tagħmel minn kollox biex takkomoda lill-Attur. Fil- fehma tal-Qorti s-sitwazzjoni hija sintetiżżata f'sentenza waħda ta' Mr. Fredrick Spiteri Meampel in kontro ezami:

> "Jekk inti titgħawweġ 'l quddiem u tistrappazzah daharek pero' by definition jekk inti daharek ma jiflahx għal gardinar tidholx għal gardinar".

Di fatti Norman Mifsud, rappresetant tas-Soċjeta' konvenuta jgħid hekk:

> "Ifhimni kont nirċievi hafna *complaints* mingħand l-imgħallmin tiegħu, kull mgħallem dan ma jrid jagħmel xejn, barra minn hekk kelli grupp ta' nies biex jagħmel dak li ma jagħmilx hu". (a' fol 475 tergo).

L-Attur ma jridx jitlef xogħolu ta' ġardinar meta dan ix-xogħol ma jiflaħx għaliħ. Il-konsegwenza kienet dejjem qed tkun, li kull darba li juġgħu daharu, ikun xi jkun ix-xogħol li jingħata, kien jemmen li huwa tort tal-*Employer*. Hawnhekk, din il-Qorti tagħmel differenza bejn it-tip ta' xogħol. Hemm dawk ir-riskji li jistgħu ikunu evitati. Eżempju ta' din ix-xorta ta' riskji, bħal meta ġardinar ikun qiegħed juża' *grass cutter* u jweġġa' għajnejh għaliex ma jkunx ingħata ilbies protettiv bħal *vizor* jew *goggles.* Imbagħad hemm riskji, li huma inerenti fin-natura tax-xogħol. Eżempju, ġardinar li meta jkun qed jagħżaq jolqot l-iebes jew jitbaxxa biex jaqla' l-ħaxix u jiġbed muskolu f'daharu. Fil-każ tal-aħħar riskju, l-*employer* qatt ma jista' jkun tenut responsabbli għad-danni sofferti, għaliex minkejja kull ilbies prottetiv, dawn huma istanzi ta' riskji inerenti fin-natura tax-xogħol. F'dan is-sens, huma rilevanti passaġġ mix-xhieda ta' Norman Mifsud rappresentant tas-Soċjeta' Konvenuta:

> "Ifhmini dan huwa xogħol relatat ma' gardinar. Li kieku tgħid wegga' b'mutur tal- hart, it would be a sever accident, imma dan wegga' b'imgħazqa u ha skoss go daharu. Dan kif dokumentat fit-tieni *injury*, .....mill-imagħllem tiegħu Charles Attard, li kien dak iz-zmien l-imgħallem tiegħu ....'Kont qiegħed nonqox il-fjuri li hemm imhawla, hadt skoss u hassejt ugiegħ kbir go dahari." (A' fol 473).
>
> Fl-aħħar nett, minn imkien ma jirriżulta, li l-attur ma ingħatax ilbies protettiv jew li l-mezzi u għodod provduti mis-soċjeta' konvenuta kienu difettużi jew fi stat ħażin.
>
> Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija tal-fehma soda, li d-debilita' li qiegħed isoffri l-Attur, b'ebda mod ma ssib il-kawża tagħha fl-għemil skorrett jew kontra l-liġi tas- Soċjeta' konvenuta."

3. L-attur appella mis-sentenza.

4. **L-ewwel aggravju** huwa dwar in-nuqqas ta' ness ta' kawżalità bejn l-inċident u d-debilità tal-appellant. Jgħid li l-Ewwel Qorti ssemmi kemm l-istorja medika tiegħu kif ukoll il-fatt li kellu għelieqi privati tiegħu bħala fatturi li jnisslu dubju dwar dan in-ness. Jidher li l-Ewwel Qorti straħet fuq assunzjonijiet għal kollox kontradetti mill-provi. Lanqas il-konvenuta ma ressqet evidenza jew sottomissjoni li tatribwixxi d-debilità tal-appellant għal kawża estranja għall-impjieg.

5. Ma ġiex ippruvat kif id-debilità hi attribwibbli għal xi kundizzjoni li kienet teżisti qabel l-inċident. Dan hu kkonfermat ukoll mill-espert mediku Zammit Maempel. Il-fatt li seta' kellu storja medika poġġiet piż ikbar fuq il-konvenuta biex tħares l-interess tiegħu.

6. Ma nġiebet ebda prova li l-appellant weġġa' waqt li kien qiegħed

jaħdem l-għelieqi tiegħu jew li baqa' jaħdimhom fiż-żmien tal-inċident.

7. F'sistema avversarjali bħal tagħna, b'differenza minn dik inkwiżitorjali, mhux ir-rwol tal-Qorti li tkun attiva b'mod li tissufraġġja xi parti fuq l-oħra, imma li tilqa' l-provi u sottomissjonijiet li jsirulha u tiddeċiedi abbażi tagħhom.

8. L-Ewwel Qorti injorat prova skjaċċanti tan-ness ta' kawżalità- l-għotja ta' debilità permanenti ta' 8% mill-Bord Mediku u l-konsegwenti ħlas tal-benefiċċju għall-korriment fuq il-post tax-xogħol fl-inċident in kwistjoni. Il-konvenuta bl-ebda mod ma wriet nuqqas ta' qbil ma' din l-għotja tant li uffiċjali tagħha mlew il-formoli relattivi fejn jikkonfermaw li l-appellant kien korra waqt ix-xogħol. L-Ewwel Qorti injorat ukoll ix-xhieda tal-appellant stess u d-diversi ċertifikati mediċi li jorbtu d-debilità mal-inċident.

9. **It-tieni aggravju** huwa li, stabbilit in-ness, il-Qorti kellha tiddetermina jekk il-konvenuta ssodisfatx l-oneru tagħha li tipprovdi s-salvagwardji biex l-inċident ma jseħħx. Bil-kontra ta' dak li sabet l-Ewwel Qorti, l-appellata bl-ebda mod ma wriet li tassew ħadet dawn il-passi. L-ispjegazzjonijiet mogħtija fit-testimonjanza ta' Norman Mifsud, uffiċjal tal-konvenuta, mhumiex konvinċenti; tpoġġew fid-dubju fil-kontroeżami, u huma kontradetti mill-bqija tal-provi. Il-konvenuta ma wrietx x'passi ħadet biex tevita l-inċident, x'*assessments* saru tal-ħiliet tal-appellant u tal-għodda;

x'rapporti saru qabel u wara l-inċident; x'qies ħadu taċ-ċertifikati mediċi li kienu qegħdin jingħatawlha.

10. Is-soċjetà konvenuta straħet unikament fuq id-depożizzjoni ta' Norman Mifsud li xehed li lill-appellant kien jingħatalu xogħol ħafif u mhux ta' strapazz. Xhieda kontradetta minn Charles Attard, *foreman* tal-appellant li qal li qatt ma ngħata struzzjonijiet bħal dawn. L-Ewwel Qorti injorat id-depożizzjoni ta' Attard.

11. L-Ewwel Qorti messha qieset li l-istorja medika kienet timponi piż ikbar fuq l-appellata.

12. L-appellant ma weġġax bl-ixkupa f'idu imma waqt attività li l-konsulent mediku ipprojbielu u li l-*employer* kien jaf li trendieh suxxettibbli għas-sinistru; kif fil-fatt ġara.

13. Din il-Qorti eżaminat il-proċess tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti u jirriżultawlha dawn il-fatti:

13.1. L-attur impjiega ruħu bħala ġardinar mad-Dipartiment tal-Agrikoltura.

13.2. Fl-1 ta' Novembru 2002 b'konsegwenza ta' *public private*

*partnership agreement* il-konvenuta assumiet ir-responsabbilitajiet għaż-żamma ta' ġonna u spazji pubbliċi. Numru ta' ħaddiema tal-Gvern, fosthom l-attur, ġew *detailed* mal-konvenuta fl-istess grad li kienu jokkupaw mal-Gvern.

13.3. Fit-**3 ta' Frar 2003**, xahrejn wara li beda jaħdem mal-konvenuta, l-attur jisħaq li ħa skoss f'daharu waqt li kien qiegħed jistartja l-*grass cutter* u ħareġ fuq *injury leave* għal sena u dan minkejja li l-Bord ta' Korriment fuq il-Post tax-Xogħol sabu tajjeb għax-xogħol fit-8 ta' Lulju 2003.[1]

13.4. L-attur mhuwiex jatribwixxi xi forma ta' responsabbilità lill-konvenuta għal dan l-ewwel inċident.

13.5. Sa dakinhar tal-ewwel incident, l-attur kellu għalqa tiegħu u kien jaħdem fiha. Jgħid li wara l-ewwel incident ma ħadimx iktar fiha iżda kien jaħdimielu ħuh.

13.6. Meta mar lura għax-xogħol, l-attur ippreżenta ċertifikat mediku mingħand il-Profs. Carmel Sciberras li jgħid li m'għandux jingħata xogħol ta' strapazz li jinvolvi li jitbaxxa kontinwament u li jerfa' ċertu piżijiet. Minkejja dan, l-attur xehed fl-affidavit tiegħu li beda jingħata

[1] Dok. NM2.

xogħol iebes u tqil, bħal xogħol bl-imgħażqa u jerfa' friegħi għal ġot-trakk; li seta' ngħata xogħol differenti bħal inaddaf bl-ixkupa jew jagħmel xogħol fl-uffiċċju, iżda ħadd ma ta każu; li qatt ma pprotesta għaliex kien imwerwer li jitkeċċa.[2]

13.7. Norman Mifsud, manager tal-*human resources* tas-soċjetà konvenuta, xehed li wara l-ewwel *injury* l-attur ma ngħatax iktar xogħol b'muturi u lanqas ingħata toqol x'jerfa'. Xehed li wara l-ewwel inċident l-attur qatt m'għamel xogħol ta' ġardinar imma kien jingħata pala u xkupa.

13.8. In kontroeżami l-attur ikkonferma li wara l-ewwel inċident qatt ma reġa' uża l-*grass cutter* u l-mutur tal-ħart.[3]

13.9. **Fit-23 ta' Ġunju 2005**, l-attur jallega li ħa skoss ieħor f'daharu waqt li kien qiegħed xogħol Ħal Luqa jonqox il-ħamrija madwar il-fjuri bl-imgħażqa. Jgħid li b'konsegwenza ta' hekk sofra debilità permanenti u kellu jerġa' joħroġ fuq *injury leave* għal tmien xhur.

13.10. Fl-applikazzjoni għall-benefiċċju tal-korriment hemm miktub li "skont il-persuna responsabbli minn Carmel Vella – Charles Attard… dan ma hux każ ta' *injury* minħabba li ma kienx xi xogħol iebes".

---

[2] Fol. 21.

13.11. Il-Bord tad-Diżabilità sab li kellu diżabilità permanenti ta' 8%.

13.12. Daħal lura għax-xogħol għall-bidu tas-sena 2006. Skont ma qal l-attur stess lill-Profs. Frederick Zammit Maempel, imqabbad bħala perit mediku mill-Ewwel Qorti, wara t-tieni inċident kien assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba jagħmel *light duties* jiknes bil-pala u l-ixkupa iżda ma kienx jagħżaq.[4] Jgħid li mill-2008 beda jħoss uġiegħ nieżel ma riġlu x-xellugija meta jkun fuq ix-xarabank, ġej jew sejjer lejn ix-xogħol, jew speċjalment meta jkun riekeb fuq il-vann tax-xogħol. Minħabba dan, fl-2009 kienu ttrasferewh jaħdem fil-ġonna taż-Żurrieq. Anke xogħlu hemm kien li jiknes.

13.13. Skont Norman Mifsud, mhux kontradett, kien ikollu lmenti li l-attur ma kienx qiegħed jagħmel xogħlu tant li kien minn żmien għall-ieħor kien ikollu jibgħat xi tlett ħaddiema biex jagħmlulu xogħlu. Qatt ma ħa passi dixxiplinarji għaliex kien ikollu pressjoni "mingħand nies ta' ċertu livell".[5]

13.14. Fl-2017 ħaduh jaħdem Wied Inċita u hawn reġa' beda jħoss l-uġiegħ meta jirkeb xarabank għax-xogħol u hawn reġa' beda jħoss uġiegħ fir-riġel tax-xellug.

---
[4] Fol. 503.
[5] Fol 224l

13.15. Fis-sena 2020 reġa’ deher quddiem il-Bord li għamel xi rakkomandazzjonijiet u b’riżultat ġie trasferit il-Buskett u ma jirkbix il-vann tax-xogħol.

13.16. Meta qallu li kien sejjer jitrasferih il-Marsa, fejn hemm il-*punch clock*, fis-sena 2017 l-attur bgħatlu ittra bl-avukat li kien Chris Cilia.

13.17. Mistoqsi in kontroeżami għalfejn ipprotesta dwar it-trasferiment lejn il-Marsa, wieġeb li bdew ituh xogħol “bl-ixkupa niknes, imma mgħaġġel”.

13.18. Fl-2017 Norman Mifsud talab li l-attur jerġa’ jiġi eżaminat minn Bord Mediku.

13.19. Il-Professur Frederick Zammit Maempel, imqabbad mill-Ewwel Qorti bħala espert mediku, irrelata dwar l-istorja medika tal-attur. Ir-rekords tal-Isptar juru li l-ewwel li lmenta b’uġiegħ f’daru kien fil-1981 meta kellu 17-il sena. Attenda 10 darbiet l-Orthopaedic Outpatients bejn 1981 u 1983. Attenda mill-ġdid **f’Ottubru 1999** b’ilment ta’ uġiegħ fiċ-ċinturin ta’ daharu li jinżel ma’ riġlu tax-xellug sal-pexxul. Eżaminah l-ispeċjalist Charles Grixti li ma sabx nuqqas newroloġiku. X-ray li ttieħed dakinhar wera ftit tidjieq tad-*disk* L5/S1 u **kien ingħata parir li**

**ma jerfax u ma jinklinax 'il quddiem.** Fiż-żmien li rah Grixti kien jaħdem fl-għalqa iżda ma kienx impjegat mal-Gvern.[6]

13.20. Fid-29 ta' Novembru 2006 intalbet opinjoni fuq l-ilmenti f'daharu u l-uġiegħ nieżel ma' riġlu l-leminija. L-ispeċjalist (differenti minn Mr. Grixti) reġa' ma sab l-ebda nuqqas newroloġiku u x-ray ġdid ma wera ebda patoloġija. Peress li kien hemm MRI tal-2005 li wera patoloġija l-każ ġie riferut għand l-ispeċjalista Van't Verlaat fit-2 ta' Mejju 2007 li sabet li **l-uġiegħ kien naqas** u l-eżami ma weriex nuqqas newroloġiku. 36. Kienet tal-fehma li kien involut xi ftit in-nerv L5 tal-lemin. Fit-12 ta' Marzu 2008 ġie iċċertifikat li ma kienx hemm bżonn operazzjoni għaliex il-patoloġija fid-*disk* **kienet irkuprat waħedha**. L-aħħar nota li tikkonċerna dahru hi fis-27 ta' Ottubru 2008 fejn Vant bagħtitu lura l-Orthopaedic Outpatients. F'din l-okkażjoni lmenta b'uġiegħ nieżel għan-nakta (buttock) tax-xellug. L-eżami ma kienx wera nuqqas fil-ġogi tal-ingropp u tal-irkoppa x-xellugija. X-ray tal-*pelvis* wera li hu normali. Id-dijanjosi kienet li kien ġej minn xi irritazzjoni ta' nerv taċ-ċintorin ta' daharu u l-attur ġie liċenzjat mill-Outpatients f'Ottubru 2008. **Ma reġax attenda l-isptar b'xi lment f'daharu minn dakinhar 'il quddiem**.

13.21. In eskussjoni, l-espert tal-Qorti qal li ma qabilx mad-diżabilità

[6] Fol. 613 E *tergo*.

ta' 8% mogħtija mill-Bord għaliex dan fil-maġġorparti tal-każi straħ fuq ċertifikati ta' Sciberras li ġeneralment kien jistrieħ fuq dak li jgħidlu l-pazjent. Imur għandu; jgħidlu li kien muġugħ u joħroġlu ċertifikat biex jieħu 6 ġimgħat *sick leave*.[7] Qal ukoll li "**Jien qed ngħidlek dawk iċ-ċertifikati ma jimpresjonawnix**".[8] Barra minn hekk, kemm Grixti, kemm Van't Verlaat kif ukoll huwa ma sabux *neurological deficit*. Sciberras qal li "back is stiff in flection" iżda dan ma rriżultax. L-attur seta' jgħolli saqajh mingħajr limitu. (*straight leg raising*). Klinikament ma kellu xejn. Il-muskoli ma dehrux mixrubin. Li jfisser li ma setax ikun li kellu nerv maqrus għal 15-il sena.[9] Grixti ma sab l-ebda nerv maqrus. Sciberras iċċertifika li kien hemm irritazzjoni tan-nerv iżda m'għamilx "*secondary test to prove it*". Kull ma sablu l-espert tal-Qorti kienet "*ftit artrite f'daharu li jidhru fuq l-xrays tat-2007*".[10]

13.22. Fuq suġġeriment tal-avukat tal-attur li x-xogħol li l-attur baqa' jingħata wara l-ewwel inċident aggravalu s-sitwazzjoni tiegħu, l-espert mediku, eskussjoni, wieġeb li; s-Sur Grixti ma qalx permanenti; għal dejjem kemm idum ħaj m'għandux jerfa' u jitgħawweġ; meta jkollok *slipped disc* ħafna drabi n-natura tfejjqek bħal fil-fatt ma ġara lis-sinjur. Ix-xhud kompla jgħid li fil-15 ta' Diċembru 2005 l-attur kellu *slipped disk* sostanzjali. Fis-17 ta' Lulju 2007 Van't Verlaat iċċertifikat li d-*disk* ma

[7] Fol. 613 *tergo*.
[8] Fol. 613 D.
[9] Fol. 613 *tergo*.
[10] Fol. 613 C *tergo*.

baqgħetx imqabbża. "Kien kważi fieq waħdu".[11] L-MRI tal-2005 ma semmiex *artrite*. Jista' jkun imma mhux bilfors li l-*artrite* tkun konsegwenza tal-i*slipped disk*. L-*artrite* tiġi bit-trapass taż-żmien; *slipped disk* ġeneralment jiġi meta tagħmel biċċa xogħol mhux tas-soltu u tagħti kedda lil dahrek.

14. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma jirriżultalhiex li hemm prova tan-ness bejn id-debilità tal-attur u t-tieni inċident. Prova li tinkombi fuq l-attur. Jirriżulta li l-attur kien ilu jbati b'uġiegħ fis-sinsla ta' daharu sa minn meta kellu 19-il sena, meta kien jaħdem l-għalqa tiegħu u ma kienx impjegat tal-Gvern. L-attur jammetti li baqa' jaħdem l-għalqa sakemm kellu l-inċident bit-*trimmer* fis-sena 2003. Jgħid li ma baqax jaħdem l-għalqa wara dan l-inċident. Wara dan l-inċident, ġie ċċertifikat li kellu diżabilità ta' 2%. L-attur qatt m'allega li għal dan l-inċident jaħti min kien iħaddmu. Meta reġa' daħal għax-xogħol, l-attur ippreżenta ċertifikat li kellu jingħata xogħol ħafif. Mhux ikkontestat li qatt ma reġa' ngħata xogħol bil-muturi; la bil-mutur tal-ħart u lanqas bit-*trimmer*. Skont Norman Mifsud kien ordna lill-attur li jagħmel dak li jista'. Skont Attard, li kien l-imgħallem tiegħu, l-attur kien jagħmel xogħol bħall-ħaddiema l-oħrajn. L-attur isostni li l-Ewwel Qorti messha emmnet lil Attard. Din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddisturba d-*disk*rezzjoni tal-Ewwel Qorti, tenut kont li minkejja dak li xehed Attard, huwa paċifiku li l-attur ma kienx

[11] Fol. 613 *tergo*.

iħaddem il-magni bħal ħaddiema oħrajn u fir-rapport dwar it-tieni *injury*, l-istess Attard ġie rrappurtat li qal li l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol ħafif.

15. Skont l-espert tal-Qorti, l-*injury* wara t-tieni inċident żdiedet għal 3%. Iġifieri b'1% biss. Il-Qorti m'għandha l-ebda prova li din iż-żieda negliġibbli hija kawża tax-xogħol li kien qed jagħmel l-attur bejn l-ewwel u t-tieni inċident, inkellha hix frott tas-sitwazzjoni medika anteċedenti. M'għandha l-ebda prova li x-xogħol li jobrox il-ħamrija minn madwar il-fjuri kien partikolarment iebes. Lanqas temmen il-verżjoni tal-attur li kien jaċċetta li jagħmel xogħol iebes għaliex kien jibża' li jitkeċċa. L-istorja tal-impjieg tiegħu, li tmur għal snin twal wara l-inċident, turi li lanqas ix-xogħol ħafif ta' knis ma kien jagħmel, u li għal dan kellhom jagħmlu tajjeb impjegati sħabu. U li xejn ma kien jiddejjaq mhux biss jippreżenta għexieren ta' ċertifikati mediċi biex jieħu s-*sick leave*, imma li juża' pressjoni mhux xierqa fuq l-*employer* tiegħu mingħand nies ta' influwenza. U li jiftaħ kawża, snin twal wara l-inċident, meta ġie assenjat post tax-xogħol bil-*punch clock*. L-attur fl-affidavit tiegħu qal li seta' ngħata xogħol fl-uffiċċju iżda rriżulta li ħadd ma kien jingħata xogħol bħal dan. Jirriżulta wkoll illi wara t-tieni inċident, l-i*slipped disk* fieqet waħedha.

16. Kollox jindika li meta seħħ it-tieni inċident, l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol ħafif; l-eħfef xogħol li seta' jingħata bħala ġardinar. Jekk

kemm-il darba l-attur ma kienx kapaċi jiflaħ għal dan ix-xogħol, ma setax jibqa' jagħmel xogħol u jitħallas ta' ġardinar. Għat-tieni inċident, ma jistax jaħti l-*employer* li taħ l-eħfef xogħol possibbli u li dejjem ipprovdielu lbies protettiv kif suppost. Għalhekk anke jekk dan ix-xogħol ħafif materjalment ikkontribwixxa *in toto* jew *in parte* għat-tieni inċident, ma jfissirx li l-*employer* għandu xi ħtija.

17. Wara t-tieni inċident ingħata xogħol inferjuri għal dak ta' ġardinar iżda baqa' jitħallas ta' ġardinar minkejja li l-attur ma kellu l-ebda jedd għal din il-kundizzjoni ta' xogħol. Dan ukoll huwa indizju kemm l-*employer* dejjem ħa ħsieb is-saħħa tal-attur u anzi aġevolah iktar milli kien obbligat li jagħmel.

***Decide***

18. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da